**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Gunju, 2017

Rikors Nru : 482/16 AL

**AB**

**VS**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrent, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-esponent izzewweg lill-intimata fis-7 ta' Mejju 2010 fil-Knisja tal-Vergni Immakulata, Rabat, Malta (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala **Dok. A**);

2. Illi l-esponent jiddikjara illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla bl-isem DB li twieldet fit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u hdax (2011);

3. Illi l-esponent jirrileva illi l-kontendenti ilhom separati 'de facto' u jghixu b'mod separat minn Awwissu 2012 u hemm proceduri ta' separazzjoni fl-istess ismijiet premessi quddiem dina l-Onorabbli

Qorti ppresjeduta mill-Onorevoli Imhallef Dr. Abigail Lofaro (10/2014AL);

4. Illi fir-rigward tal-manteniment dovut u pagabbli lill-intimata ghall-bzonnijiet tat-tifla minuri jinghad illi l-esponent dejjem hallas il-manteniment b'mod puntwali u m'hemm l-ebda arretrati dovuti;

5. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;

6. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti.

Talab illi a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66A et.seq tal-Kapitolu 16, previa s-smiegh tal-partijiet sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja d-divorzju ossija l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi preliminarjament, u kif gja gie rilevat mill-attur fit-tielet (3) premessa tar-rikors promotur, gja hemm proceduri pendenti bejn il-partijiet quddiem din l-Onorabbli Qorti, kif presjeduta, f'liema proceduri qieghed jintalab is-separazzjoni personali taghhom u liema proceduri gew istitwiti fl-14 ta' Jannar 2014 permezz tar-***Rikors Guramentat Nru. 10/2014AL*** fl-ismijiet ***AB VS CB*** u t-talba odjerna ghall-pronunzjament tad-divorzju ghandha tigi deciza flimkien mat-talba pendenti ghas-separazzjoni personali u ghalhekk il-kawza odjerna ghandha tigi konnessa mal-kawza ghas-separazzjoni personali gja pendenti appena msemmija, u dan ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 66F sub-inciz (3) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula illi:

   *"Fejn l-ebda parti ma tagħżel li tipproċedi skont kif provdut fis-subartikolu (1) u fejn tkun diġà saret talba għas-separazzjoni skont is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u mill-inqas wieħed mill-partijiet, wara li tkun saret dik it-talba, jagħmel talba għad-divorzju, it-talbiet għas-separazzjoni u għad-divorzju, f'kull każ, għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi flimkien mill-istess qorti, b'dana illi l-*

*konnessjoni tal-kawżi għandha tiġi applikata mill-qorti mingħajr ħtieġa li ssir ebda talba mill-partijiet.*"

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjenti taqbel mal-kontenut tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u l-hames (5) premessi tar-rikors promotur izda ma taqbilx ma' dak illi gie dikjarat fir-raba' (4) u fis-sitt (6) premessi tal-istess;

3. Illi t-talba attrici ma tistax tirnexxi billi tirrizulta, *inter alia*, wahda mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 66D sub-inciz (2) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* illi l-attur ilu ma jhallas sehemu mill-ispejjez tas-sahha u tal-edukazzjoni ghall-minuri Alyce, ghal iktar minn tliet (3) snin minkejja illi gie ordnat sabiex hekk jaghmel permezz tad-digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti fid-19 ta' Frar 2013 u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi r-rekwiziti kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma gewx sodisfatti u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Ottubru, 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Awissu 2012 u hemm pendenti quddiem din il-Qorti proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet, liema proceduri ilhom pendenti mis-sena 2014;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.